**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**

**Vs**

**Marvin Zammit**

Kaz Numru: 1261/2013

Illum, 25 ta' Settembru 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Marvin Zammit, ta' 35 sena, iben Carmel u Lourdes nee' Attard, imwieled Pieta', fid-9 ta' Frar, 1975 u residenti 61, Triq Abela, Santa Venera, detentur ta' karta tal-identita' 98278(M):

Billi inti akkuzat talli nhar it-23 ta' Ottubru, 2013, ghall-habta tat-8:00 ta' filghaxija, gewwa l-lokaita ta' Santa Venera.

1. Volontarjament, hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamilt hsara fuq il-bieb ta' barra tar-residenza ta' Jason Gatt permezz ta' oggett iebes, liema hsara tiskorri mija u sittax –il ewro w disgha u erbghin centezmu (€116.47) izda mhux izjed minn elf, mija w erbgha w sittin ewro w disgha u sittin centezmu (€1164.69), u dan bi ksur tal-Artikulu 325 (1) (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi hebbejt ghal Jason Gatt sabiex tingurjah, iddejqu jew sabiex taghmillu l-hsara u dan bi ksur tal-artiklu 339 (d) tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta;
3. Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi volontarjament sirt il-kwiet u l-bon orodni pubblika b'ghajjat u glied, u dan bi ksur tal-Artiklu 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta;
4. Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi bi hsara tas-sid jew tad-detentur u cioe' ta' Jason Gatt, ghamilt vjolazzjoni kontra l-propjeta' u dan bi ksur tal-Artiklu 340 (d) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamilt ingurji u thedid lil Jason Gatt b'mod li hrigt barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-Artiklu 339 (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet lill-imputat jammetti l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u jikkonferma l-istess ammassjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Billi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dawn gew sodisfacjentement ippruvati.

Inkwantu ghall-piena l-Qorti qed tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati, ic-cirkostanzi al-kaz u l-fatt li Jason Gatt hafer lill-imputat.

Ghal il-motivi il-Qorti wara li rat l-artikoli 325 (1) (c), 339 (1) (d), 338 (dd), 340 (d) u 339 (1) (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligjiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaq reat iehor fi zmien xahar.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk iwettaq reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Dr Josette Demicoli LL.D

Magistrat